# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tat-3 ta' Novembru 2011

## li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/23 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li għandhom il-munita euro

***(BĊE/2011/18)***

(2011/788/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 32,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2010/23 tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li għandhom il-munita euro [1] tistabbilixxi mekkaniżmu għall-ippuljar u l-allokazzjoni tad-dħul monetarju li jirriżulta mill-operazzjonijiet tal-politika monetarja.

(2) Id-Deċiżjoni BĊE/2011/17 tat-3 ta' Novembru 2011 dwar l-implimentazzjoni tat-tieni programm ta' xiri ta' bonds iggarantiti [2] tipprovdi għat-twaqqif tat-tieni programm ta' xiri ta' bonds iggarantiti għall-finijiet tal-politika monetarja.

(3) Il-Kunsill Governattiv jikkunsidra li bħal fil-każ tax-xiri skont id-Deċiżjoni BĊE/2009/16 tat-2 ta' Lulju 2009 dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' xiri ta' bonds iggarantiti [3], bonds iggarantiti mixtrija skont id-Deċiżjoni BĊE/2011/17 għandhom jitqiesu li jiġġeneraw dħul skont ir-rata ta' referenza kif iddefinit fid-Deċiżjoni BĊE/2010/23.

(4) Id-Deċiżjoni BĊE/2010/23 għandha tiġi dlonk emendata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emenda**

L-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/23 huwa sostitwit b'li ġej:

"1. L-ammont tad-dħul monetarju ta' kull BĊN għandu jkun iddeterminat billi jitkejjel id-dħul attwali li jirriżulta mill-attiv assenjat u rreġistrat fil-kotba tiegħu. Bħala eċċezzjonijiet ta' dan, id-deheb m'għandux jitqies li jiġġenera dħul, u t-titoli miżmuma għall-finijiet tal-politika monetarja skont id-Deċiżjoni BĊE/2009/16 tat-2 ta' Lulju 2009 dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' xiri ta' bonds iggarantiti (*) u skont id-Deċiżjoni BĊE/2011/17 tat-3 ta' Novembru 2011 dwar l-implimentazzjoni tat-tieni programm ta' xiri ta' bonds iggarantiti (**), għandhom jitqiesu li jiġġeneraw dħul monetarju skont ir-rata ta' referenza.

(*) ĠU L 175, 4.7.2009, p. 18.
(**) ĠU L 297, 16.11.2011, p. 70."

*Artikolu 2*

**Dispożizzjoni finali**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2011.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-3 ta' Novembru 2011.

*Il-President tal-BĊE*
Mario DRAGHI

---

[1] ĠU L 35, 9.2.2011, p. 17.
[2] ĠU L 297, 16.11.2011, p. 70.
[3] ĠU L 175, 4.7.2009, p. 18.